Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 28 Ottubru - Diċembru 2015 40c



Il-kittieb Dr Moëz Majed, li għex il-mumenti storiċi tar-Rivoluzzjoni, jagħti spjegazzjoni tal-istorja u ta' dak li ġara fit-Tuneżija waqt ir-Rivoluzzjoni tannies. (Segwi dan f'paġna 4).

## Rebħa Syriza u x-Xellug fl-Ewropa

Ir-rebħa mil-ġdid tal-Partit Xellugi Syriza (b'35.5% tal-voti) biex jkompli jmexxi l-pajjiż, tkompli tqawwi t-tama li x-xellug fl-Ewropa jista' jkun rebbieħ, u li l-ġlieda għall-Ewropa Soċjali għada ħajja.

L-istess hi ta' aspirazzjoni r-rebħa ta' Jeremy Corbyn bħala l-mexxej il-ġdid tal-Partit Laburista fl-Ingilterra. Din ir-rebħa tagħti sostenn lil dawk xellugin li għadhom jimmilitaw fil-moviment soċjal demokratiku u li ddejqu mil-politika neoliberali ta' New Labour u li jridu li l-politika tax-xellug issib postha lura f'dan il-moviment.

S'intendi din ma tistax isseħħ jekk ma jkunx hemm l-għaqda fost ix-xellug.

*Ġewwa...*

- *L-Editorjal*
- *Rapport tad-Diskussjoni Rebbiegħa Għarbija jew biss Eċċezzjoni fit-Tuneżija?*
- *MEPs Maltin jastjenu favur Edukazzjoni Sesswali* - *Maryanne Zammit*
- *Il-Maġġoranza tal-Palestinjani m'għadhomx jemmnu fi "Two-State Solution"* - *David Pisani*
- *MEP Alfred Sant jagħti l-veduti tiegħu fuq ISDS.*

*"L-Immigrazzjoni fl-Ewropa"*

# Unjoni Ewropea ta' Solidarjetá jew "Fortress Europe"

Il-mewġa kbira ta' refuġjati fl-Ewropa tikxef beraħ in-nuqqas ta' ko-erenza mil-Istati Membri fl-Ewropa biex tiġi ndirizzata b'mod uman l-immigrazzjoni ta' nies minn pajjiżi li huma mifnijin bil-gwerer u kunflitti.



Sa llum il-politika adottata mid-diversi pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kienet li l-Ewropa tirrestrinġi kemm jista' jkun l-iżbarg ta' immigranti lejn l-Ewropa, kif ukoll li jiġi ristrett il-moviment ħieles ta' dawn il-persuni. Din il-politika hi l-bogħod mil-politika ta' solidarjetá.

Skond statistika tal-Ġnus Magħquda, sa llum ma' 59miljun persuna kellhom isibu refuġju f'pajjiż ieħor. Il-kunflitti fil-Kolombja, l-Afrika, l-Iraq, il-Pakistan, il-Libja, l-Ukraina, is-Sirja u pajjiżi oħra qed iġiegħel lil ħafna persuni biex jħallu arthom u jmorru jfittxu ażil f'pajjiż ieħor. F'ħafna minnhom spiċċaw jgħixu ġo kampijiet mal-konfini tal-istess pajjiż.

Infatti dak kien il-kompromess li ntlaħaq fl-Unjoni Ewropeja li jiżdiedu l-fondi sabiex jiġu megħjuna r-refuġjati li qed jgħixu fil-kampijiet.

L-istess rapport tal-Ġnus Magħquda jgħid li dawn in-nies qed jispiċċaw jgħixu mingħajr sigurtá, edukazzjoni, id-dritt għal xogħol u xogħol diċenti, kif ukoll mingħajr it-tama ta' futur. Huwa għalhekk il-bżonn ta' politika ta' solidarjetá, u mhux aktar politika li tagħti saħħa lill-lemin estrem.

Huwa ta' dispjaċir li pajjiżi bħall-Ungerija, Slovakkja u Repubblika Ċeka qed jagħmlu s-sitwazzjoni agħar milli hi. Fl-istess ħin, iżda ninnutaw li pajjiżi bħall-Isvezja u l-Ġermanja urew ferm iktar solidarjeta' minn bosta pajjiżi oħra fl-Ewropa, u ninnutaw ukoll li pajjiżi bħall-Malta, l-Italja u l-Greċja ilhom iqajmu l-ħtieġa ta' solidarjetá Ewropea.

Hu ta' sodisfazzjon wkoll li l-MEPs Maltin lkoll qed jagħtu appoġġ lill-politika tas-solidarjetà. U kien ta' sodisfazzjon akbar li numru ta' pajjiżi mil-Amerika Latina, fosthom il-Veneżwela u Ċili aċċettaw li jospitaw numru ta' immigranti milquta mil-kunflitt fis-Sirja. Fl-istess ħin, ninnutaw li pajjiżi bħall-dawk tal-golf u r-Russja mhux qed jaċċettaw refuġjati mis-Sirja.

Skond il-Ġnus Magħquda l-esodu ta' immigranti mil-Afrika u l-Lvant Nofsani huwa deskritt bħala l-akbar mewġa ta' refuġjati minn wara t-tieni gwerra dinjija.

Għalkemm fl-Ewropa qed jqum sentiment kontra l-immigrazzjoni, l-Unjoni Ewropea m'għandiex tbaxxi rasha għal din il-politika.

Huwa ta' għajb li għal dan l-aħħar deċennu l-politika fl-Ewropa kienet iċ-ċentralizzata fuq il-kostruzzjoni ta' Ewropa ta' Fortizzi. Biljuni ta' flus se jkomplu jintefqu sabiex jiġu ssorveljati l-konfini tal-Ewropa sabiex jiġi ristrett l-iżbarg ta' immigranti lejn l-Ewropa.

Il-ġlieda tagħna għandha tkun favur politika ta' solidarjetá u mhux aktar politika li ssaħħaħ il-konfini.

Il-kwistjoni tar-refuġjati hi karatterizzata minn traġedja umanitarja u minn deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi li żiedu l-inugwaljanza u l-gwerer f'bosta' pajjiżi.

L-aġenzija tar-refuġjati tal-Ġnus Magħquda wriet diżappunt għas-summit Ewropew fejn din saħqet li summit falla milli joffri protezzjoni legali lir-refuġjati.

Fl-istess waqt l-aġenzija rrikonoxxit l-allokazzjoni ta' aktar fondi u riżorsi biex jiġu mgħejuna aġenziji li qed jaħdmu fil-qasam tal-immigrazzjoni, u li ġie ratifikat pjan ta' kwota nazzjonali għal 120,000 refuġjat Sirjan.

Sa llum għad ma hemmx politika komuni Ewropea biex jiġu krejati toroq sabiex refuġjati jilħqu l-Ewropa b'mod 'sigur'.

# Lenin u l-Oriġini tal-Komuniżmu Russu

*minn Alfred Consiglio*

Bniedem li kien konxju sew tal-validità tal-argument, li l-għemil huwa importanti u mhux it-tpaċpiċ, però li fil-ħajja politika kliem huwa wkoll għemil, kien Vladimir Ulyanov, jew aħjar kif huwa magħruf, Lenin. Huwa kien figura kruċjali w importanti fl-iżvilupp tal-Komuniżmu, u missier l-Unjoni Sovjetika.



Żgħir wisq fl-età biex jattendi l-laqgħa fundatriċi tat-Tieni Internazzjonal fl-1889, Lenin, madankollu, lagħab parti sinjifikanti fl-Internazzjonal, u ħa sehem b'mod attiv fil-moviment rivoluzzjonarju ta' pajjiżu.

Għalkemm ismu propju kien Ulyanov, iżda fil-korsa tal-ġlieda kontra l-awtorità tat-tzar, huwa adotta diversi psewdonimi. Imma 'Lenin' kien il-wieħed li qabad. Lenin kien ta' oriġini etnika mħallta; kien dixxendenti ta' Lhud Ġermaniżi u Kalmyk, li ma kienetx xi ħaġa eċċezzjonali fl-imperu multinazzjonali Russu. Meta oħtu Anna ssuġġerit f'ittra lil Stalin fl-1932 li jkun ta' gwadann jippubbliċizza l-fatt li l-bużnannu ta' Lenin, Moishe Blank, kien Lhudi, għax dan seta' jgħin fil-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, hija ngħatat twissija biex tagħlaq ħalqha.

Missier omm Lenin bidel ismu minn Srul għal Alexander, ikkonverta għal Kristjaniżmu u b'hekk seta' jidħol fl-iskola medika ta' San Pietruburgu. Innanna materna ta' Lenin kienet ta' oriġini Ġermaniża u Luterana; ommu Maria u missieru Ilya Nikolavich Ulyanov evitaw attività politika, kienu kontra vjolenza rivoluzzjonarja, iżda favur riformi.

Madankollu, minkejja l-moderazzjoni tal-opinjonijiet tal-ġenituri tiegħu, Lenin, ċertament, ma kisibx il-veduti politiċi tiegħu mingħandhom. Dak li kiseb middar kien għaqal kbir u minn għand ommu wiret ambjent familjari sempliċi, etika ta' xogħol li jitlob konċentrazzjoni u valur għoli tal-istudju u titjib fil-pożizzjoni tiegħu.

Lenin twieled fit-22 ta' April 1870. Fi tfulitu, huwa kellu ħajja kemmxejn komda. Missieru kien għalliem li laħaq spettur tal-iskejjel u wara direttur tal-iskejjel tal-provinċja. Però t-tfajjel Lenin ħa edukazzjoni li esiġiet ħafna fi skola tar-raħal fejn is-surmast, b'ironija tal-istorja, kien Fedor Kerensky, missier Alexander Kerensky, il-prim ministru tal-gvern proviżorju Russu qabel ma twarrab minn Lenin fl-1917.

Il-ħajja trankwilla ta' Lenin spiċċat meta miet missieru fl-1886, iżda mewt aktar kerha, li ħalliet diwi akbar għal futur tiegħu bħala rivoluzzjonarju, kienet dik ta' ħuh Alexander fl-1887, meta kien mgħallaq għall-involviment tiegħu fl-attentat ta' qtil tat-tzar[1]. Però ma kienx qabel l-1889 li sar marxist u li aktar tard żviluppa x-xejra partikulari tiegħu tal-Marxiżmu.

Das Kapital ta' Marx deher għall-ewwel darba fir-Russja fl-1872. Ma kienx xi ktieb ta' qari li tieħu gost bih, u l-impatt kien fuq il-ftit. Madankollu, minoranzi jistgħu jkunu importanti fil-politika, speċjalment minoranza kbira mhux ħażin ta' rivoluzzjonarji f'pajjiż awtoritarju.

Lenin kien influwenzat f'żgħożitu mhux biss bil-Marxiżmu ortodoss iżda wkoll bil-veduti populisti ta' Petr Tkachev (1844-1886). Il-Populiżmu kien moviment ta' intelletwali radikali li feġġew fir-Russja fl-1860. Is-segwaċi emmnu li l-bdiewa setgħu jipprovdu lir-Russja bil-mezzi biex jiżviluppa s-soċjaliżmu. Lenin kien favur l-ènfasi ta Tkachev fuq is-sehem vitali li grupp żgħir ta' rivoluzzjonarji jilgħab fit-tmexxija.

L-attitudni ta' Lenin lejn it-terrur kienet anqas ambigwa. Vasily Starkov, ħabib ta' Lenin, jgħid li Lenin iddefenda t-terrur f'waqtiet fejn dawk "li kkritikaw severament il-programm u t-tattiċi bbażati fuq t-terrur ta' Narodnaya Volya dehru eretiċi". Għal Lenin, dawn l-għanijiet iġġustifikaw il-mezzi. Starkov, fil-qosor, ġabar il-veduta ta' Lenin hekk: Il-ħtieġa ewlenija hija għanijiet, u kull mezz ta' ġlieda, inkluż terrur, huwa tajjeb jew ħażin jiddependi fuq jekk, fiċ-ċirkostanzi mogħtijin, dan jikkontribwixxi lejn l-akkwist ta' dawk l-għanijiet jew, għall-kuntrarju, jiżvijaw minnhom.

Impatt akbar fuq Lenin, kemm emozzjonalment u kemm intellettwalment, bil-kitba tar-rivoluzzjonarju Russu, Nikolai Chernyshevsky (1828-1889). Bin patri ortodoss, Chernyshevsky sofra snin twal ta' eżilju minħabba l-opinjonijiet politiċi tiegħu. Għalkemm Lenin ma kienx suġġett lejn adurar tal-eroj, huwa kien devot ta' Chernyshevsky.

Tikkunsidra l-karattru tal-istat Russu, il-livell baxx ta' industrijalizzazzjoni fis-seklu dsatax, u d-dgħufija ta' xi moviment tal-ħaddiema kkomparat ma' l-Ingilterra, il-Ġermanja u Franza, mhux ta' b'xejn li numru ta' rivoluzzjonarji Russi poġġew ènfasi fuq is-sehem ta' soċjal-demokratiċi, kif sejjħu lilhom, li jwasslu tidwil soċjalist lill-ħaddiema. It-terminu 'soċjal-demokrazija' lejn l-aħħar tas-seklu dsatax ma kienx għadu wera d-distinzjoni bejn soċjalisti u komunisti. Meta twaqqaf il-predeċessur tal-Partit Komunista tal-Unjoni Sovjetika, fl-1898, dan kellu l-isem ta' Russian Social Democratic Labour Party (RSDLP).

Lenin ma kienx preżenti fl-inawgurazzjoni tal-partit; huwa kien arrestat fl-1895 u qatta' ħajtu fl-eżilju fis-Siberja. Matul dan iż-żmien huwa kiteb 'The Development of Capitalism in Russia' li ppubblika taħt il-psewdonimu ta' Vladimir Ilyin fl-1899. Meta kien fl-eżilju, huwa ħaseb li jipproduċi klandestinament ġurnal li jkun il-pjattaforma għal veduti tiegħu. Meta nħeles fl-1900 huwa nieda, bl-għajnuna ta' Julius Martov (1873-1923) u Alexander Potresov (1869-1934), il-ġurnal Iskra (Xrara) li sar mhux biss propaganda għal Lenin imma wkoll il-bażi organizzattiva tiegħu, waħda li uża biex jikseb kontroll tar-RSDLP kemm personalment u kemm ideoloġikament.



Fost l-elementi l-aktar ċentrali tal-kontribuzzjoni tiegħu lejn il-ħsieb rivoluzzjonarju kien hemm l-ènfasi tiegħu fuq il-ħtieġa ta' partit dixxiplinat sew u l-oppożizzjoni implakabbli tiegħu lejn spontanjetà, kemm fl-isfera ta' ideat jew azzjoni, fil-moviment rivoluzzjonarju.

Lenin kien dedikat lejn il-prinċipju ta' organizzazzjoni dixxiplinata, għalkemm fir-realtà ta' spiss l-għanijiet tiegħu ma wasslu mkien. Polemikuż akkanit, huwa ċanfar bla ħniena lil dawk li ma kienux jaqblu miegħu dwar il-ħtieġa ta' partit ta' tip ġdid li jkun ikkontrollat u jispira ħaddiema b'kuxjenza soċjalista rivoluzzjonarja. Kif qal huwa fil-ktejjeb politiku importanti 'What is to be Done?', ippubblikat fl-1902, "*li l-moviment laburista spontanju minnu nnifsu huwa kapaċi li joħloq trejdunjoniżmu biss, u politika trejdunjonista tal-klassi ħaddiema li hija preċiżament politika borgeża tal-klassi ħaddemija".*

Ir-regoli stretti ppproponuti minn Lenin, kif ukoll iż-żelu argumentattiv u metodi minn taħt dejjqu ħafna minn ħbiebu.

Mument deċiżiv fl-istorja tal-moviment rivoluzzjonarju wasal fl-1903 meta sar it-Tieni Kungress tar-RSDLP li sar f'Londra. Il-kungress wera varjetà ta' qasmiet, inkluż fil-grupp ta' Iskra, bejn dawk li Lenin sejjaħ l-'ibsin' u r-'rotob'. Ir-'rotob' inkludew lil Martov u Potresov, lil Vera Zasulich (1849-1919) u lil Leon Trotski (1879-1940).

Il-Kungress beda b'57 delegat li minnhom 43 biss kellhom vot. Lenin għal bidu ma kellux maġġoranza u tilef vot fuq il-kliem tar-regoli tal-partit, u kien kapaċi biss li jiddomina l-proċeduri wara li 7 delegati telqu 'l barra. Ħamsa li telqu kienu mill-grupp Lhudi Bund u tnejn mill-grupp ta' 'Ekonomiżmu'. Il-Bund riedet li tippreserva l-awtonomija tagħha f'materji fejn jidħlu l-Lhud, iżda l-Kungress insista li riedu joqgħodu taħt il-kontroll taċ-ċentru.

It-tluq tad-delegati mill-Kungress ħadem favur Lenin. Huwa ra li l-Kumitat Ċentrali tal-partit ikun iddominat mill-'ibsin'. Kien Lenin li sejjaħ lis-segwaċi tiegħu fil-kungress bħala Bolxevisti (maġġoranza) u lil dawk li opponewh bħala Menxevisti (minoranza).

Però d-dominanza tiegħu fuq il-partit kienet qasira meta Plekhanov mar mal-Menxevisti. Ix-xiżma kienet fl-aqwa tagħha fost l-immigranti politiċi; iż-żewġ fazzjonijiet bdew joħorġu l-ġurnali tagħhom.

Noti:

Neil Harding, f'Leninism (London 1996) josserva li wara l-mewt ta' ħuh Alexander, it-trawma tal-eżekuzzjoni setgħat ħalliet effett psikoloġiku profond fuq il-karriera ta' Lenin.

Referenzi:

1. V.I.Lenin, What is to be Done?
2. Dmitri Volkogonov, Lenin: A New Biography, tradott minn Harold Shukman, NY 1994.
3. Robert Service, Lenin: A Biography, London 2000.
4. Orlando Figes: A People's Tragedy: The Russian Revolution 1891-1924, London 1996.

*Editorjal*

# In-"New Labour" miet u ndifen.

Minkejja li apparti mil-partit Konservattiv, ħafna mill-establishment tal-Partit Laburista Ingliż ħaduha qatta bla ħabel kontra l-kandidatura tiegħu, imma x-xellugi Jeremy Corbyn ġie elett b'maġġoranza kbira.

Meta ħabbar li se jikkontesta, qamu l-irwifen kollha. Il-konservsattivi bdew isemmu l-passat tiegħu xellugi u pprovaw jirredikolawh.

Il-midja qaddejja tagħhom imbagħad ħarġet bil-ħrafa li f'daqqa waħda daħlu eluf ta' membri ġodda billi ħallsu £3 biex jivvotaw ghal Corbyn. Kif marret l-elezzjoni writ li din kienet gidba għax Corbyn ġab il-maġġoranza ta' kull sezzjoni tal-votant, kemm ta' dawk ġodda, ta' dawk stabbiliti, kif ukoll tal-membri affiljati.

Il-guru ta' New Labour, Tony Blair u wħud mis-segwaċi tiegħu ħarġu pubblikament kontra Corbyn u qalu l-Partit Laburista m'għandux ċans jirbaħ l-elezzjoni b'mexxej xellugi bħal Corbyn. Dan għad irridu naraw!!




Kien hemm diversi kummenti fil-midja Ingliża u Internazzjonali fosthom li rebħa Corbyn enerġizzat lil dawk aljenti u aljenat lill-establishment. Kumment ieħor kien, li hemm biżgħat u tamiet li rebħa ta' Corbyn kienet se tbiddel il-politika fil-pajjiż.

Minn naħa l-oħra, it-trejd unions Ingliżi qalu li New Labour taħt Blair u Brown ma fehmux x'riedet il-bażi tal-partit. Bħall-partiti suppost xellugin dawn ħaddnu politika ekonomika neoliberali.

Għalkemm rebħu tliet elezzjonijiet infila, għamlu ġid biss lill-bankiera u s-sinjuri. Għall-ħaddiema, pensjonanti u ddgħajfa oħra fis-soċjetà kien hemm il-qgħad u miżuri ħorox ta' awsterità li wasslu għal qtugħ ta' diversi servizzi soċjali.

Qbajna sorpriżi kif il-Partit Laburista Malti ma ħariġx jawgura lil Jeremy Corbyn dak in-nhar tar-rebħa. Jidher li rebħa ta' Jeremy Corbyn ġabet qasma bejn dawk li għadhom jemmnu fil-politika ta' new labour u dawk li jemmnu fil-politika tax-xellug li l-partit laburista jkun aktar viċin il-ħaddiema u dawk dgħajjfa fis-soċjetá.

# Tlett MEPs iżommu lura milli jivvutaw favur Edukazzjoni Sesswali

*Maryanne Zammit*

Reċentament, fil-Parlament Ewropej waqt is-sessjoni Plenarja fi Strasburgu, ġiet imressqa riżoluzzjoni dwar ir-rapport intitolat: *Empowering Girls through Education.*

Dan l-istess rapport ġie mressaq mill-Ewro Parlamentari Laburista Liliana Rodriguez. Madanakollu, mill-att lokali ġie innutat b'dispjaċir li l-Ewro Parlamentari Laburisti Maltin biss ivvutaw favur, għaliex l-Ewro Parlamentari Nazzjonalisti asstenew milli jivvutaw.

L-edukazzjoni hija għodda importanti biex biha isiru tibdiliet neċessarji fis-soċjetà kurrenti u b'hekk tinħoloq aktar ugwaljanza bejn is-sessi. Għal dan il-għan, ir-rapport qiegħed jitqies bħala pass il-quddiem u mportanti favur l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Ma' dan qed isir emfażi qawwija fuq il-prinċipju li l-edukazzjoni twassal għal parteċipazzjoni sħiħa ta' aktar nisa fid-dinja tax-xogħol. L-aktar punti prinċipali li joħorġu mir-rapport hu l-fatt li tinħass il-ħtieġa ta'aktar nisa fl-oqsma tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija, matematika, industrija u ICT. Dawn iservu ta' mudelli u jgħinu biex ikissru sterjotipi li jeżistu f'dan ir-rigward. L-istess japplika għal tfal bniet b'diżabbilita li dawn għandhom jingħataw aċċess aktar għal edukazzjoni u taħriġ.

Sussegwentament, ir-rapport iżid mall-fatt li l-vjolenza kontra n-nisa tista tiġi megħluba permezz tal-edukazzjoni, waqt li l-faqar u l-emarginazzjoni huma l-akbar ostakoli biex it-tfal bniet jingħataw aċċess għal edukazzjoni. Hu mifhum li dawk il-bniet li ma jitħallewx imorru l-iskola huma l-aktar f'riskju li jiġu esposti għall-vjolenza domestika.

Fost il-punti prinċipali fir-rapport hemm ir-rakomandazzjonijiet li jinkoraġġixxu l-Istati Membri biex jinkludu programmi ta' edukazzjoni fl-iskejjel dwar is-sess u r-relazzjonijiet. Dan jinkludi taħriġ fuq relazzjonijiet li huma bbażati fuq rispett u reċiprokita, u fejn l-isterjotipi jiġu megħluba, fejn is-soċjetà tersaq aktar lejn żvillup intelletwali, integrita soċjali u identità. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li suġġetti ta' edukazzjoni sesswali u relazzjonijiet jimplimentawhom b'mod obbligatorju fl-iskejjel primarji u sekondarji kollha. Sadanittant, l-għalliema għandhom jingħataw it-taħriġ meħtieġ. Dan jgħin biex l-istudenti minn kmieni jitgħallmu jagħmlu l-għażliet tagħhom u jkunu mgħarrfa dwar tqala mhix mistennija u mard infettiv.

L-istess rapport jitlob lill-Kummissjoni biex tinkoraġixxi li jiġu inklużi ukoll suġġetti dwar LGBTI fil-kurrikulu edukattiv biex b'hekk jiżdied l-għarfien u jiġu meqruda sterjotipi.

Ta' min wieħed jinnota li dawn il-fatturi u rakommandazzjonijiet japplikaw dirett għall-kuntest lokali u l-aktar meta wieħed iqis ir-rata għolja ta' *teenage pregnancies* li kull ma jmur dejjem jiżdiedu. Jidher ukoll li hemm konnessjoni man-nuqqas ta' edukazzjoni.

L-adoloxxenza huwa perjodu kruċjali fejn matulha ż-żgħażagħ jibnu l-identità tagħhom u jinvestu fil-futur tagħhom. Jekk tiġri tqala bla mistennija, dawn it-tfajliet ser jiġu sfurzati li jsiru ommijiet u jitgħabbew b'responsabbilitajiet li ma jkunux lesti għalihom. Dan iżid it-tensjoni waqt li jfixkel il-pjan li jista jkollhom għal futur. B'riżultat ta' dan, it-tfajliet jkollhom jieqfu mill-istudji tagħhom b'anqas possibilita għall-impjieg regolari.

L-edukazzjoni sesswali hija esiġenti biex l-istudenti jkunu preparati u mgħarrfa dwar ir-riskji u l-isfidi li hemm jistennewhom fil-futur. Għaldaqstant, dan ir-rapport u r-rakomandazzjonijiet preżentati fir-rapport huma pass fid-direzzjoni t-tajba biex jiġi żgurat li l-istudenti jingħataw l-edukazzjoni xierqa Finalment, lkoll qegħdin ngħixu f'dinja moderna u miftuħa u rridu nimxu mall-passi innovativi li joffru ż-żminijiet.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# REVOLUZZJONI “JASMINE”

## *Rebbiegħa Għarbija jew biss Eċċezzjoni fit-Tuneżija?*

festival mediterranju tal-letteratura ta’ malta

F’diskussjoni interessanti organizzata minn Inizjamed u l-Istitut Mediterranju tal-Università bi tħejjija għall-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta’ Malta f’Awwissu li għadda, ġiet diskussa r-Rivoluzzjoni tal-Ġiżimin fit-Tuneżija. Il-kittieb Dr Moëz Majed, li għex il-mumenti storiċi tar-Rivoluzzjoni, ta spjegazzjoni tal-istorja u ta’ dak li ġara fit-Tuneżija waqt ir-Rivoluzzjoni tan-nies. It-taħdita saret fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta’ Malta f’tal-Qroqq.

Bixra: Dr Moëz Majed (ritratt), li twieled it-Tuneżija fis-16 ta’ Ġunju 1973, iben poeta ta’ fama internazzjonali, huwa poeta. Studja l-bijoloġija fil-Fakultà tax-Xjenza fit-Tuneżija fl-aħħar tas-snin disgħin u wara mar jgħix Pariġi fejn kompla bl-istudji tiegħu. Il-karriera tiegħu fil-letteratura bdiet fl-1997 bil-ktieb tal-poeżiji L’Ombre... la lumière (éd. Arabesques, Tunis). B’kollox sal-lum ħareġ ħames pubblikazzjonijiet ta’ poeżiji li jinkludu *Les Rêveries d’un cerisier en fleurs* (éd. Contraste, Sousse, 2008), *L’Ambition d’un verger* (éd. L’Harmattan, Paris, 2010), *Gisants* (éd. Fata Morgana, Montpellier, 2012), *Chants de l’autre rive* (éd. Fata Morgana, Montpellier, 2014).

Fl-2011, flimkien ma’ oħrajn, nieda l-magazine *Opinions*. Il-magażin sar organu b’saħħtu li ta vuċi lil opinijonijiet differenti, speċjalment wara li l-Partit El Nahda (Partit Iżlamiku) ħa f’idejh it-tmexxija tal-pajjiż fl-elezzjonijiet ta’ Ottubru tal-2011 wara t-tneħħija ta’ Ben Ali mill-poter permezz tar-rivoluzzjoni tal-poplu.

Il-magażin *Opinions* serva bħala kontrapiż għall-politika tal-partit Iżlamiku ta’ El-Naħda. Il-magażin irnexxielu jgħaqqad dawk il-vuċijiet kollha li ftit li xejn kellhom spazju biex iwasslu l-messaġġ tagħhom. Il-pubblikazzjoni ta’ *Opinions* kienet suċċess kbir u l-magażin baqa’ jissemma fil-pajjiżi tal-Afrika ta’ Fuq u Pariġi.

**Rapport dwar it-taħdita:**

Dr Moëz Majed beda t-taħdita tiegħu mil-lat storiku billi spjega kif “bejn l-1837 u l-1855, it-Tuneżija taħt ir-Re Ahmed Bey rat għadd kbir ta’ riformi li kienu jinkludu l-abolizzjoni tal-iskjavitù mill-pajjiż fl-1846, ħafna qabel Franza u l-Istati Uniti. Imbagħad fl-1857 tfasslet l-ewwel Kostituzzjoni fil-pajjiż, u l-ewwel waħda fid-dinja Għarbija. Din il-Kostituzzjoni iggarantiet l-ugwaljanza għal kullħadd, u permezz tagħha kull persuna ngħatat id-dritt li tħaddan u tipprattika kwalunkwe reliġjon.



Ir-riformi politiċi komplew anke wara l-1875 bit-twaqqif ta’ istituzzjoni edukattiva mhux reliġjuża (Saditi School), għall-klassi l-għolja tas-soċjetà, bl-għan li teħles il-pajjiż mil-ħakma kolonjali Franċiża. Fl-1920 twaqqaf l-ewwel partit politiku fit-Tuneżija, id-‘Destourian Party’, u fl-1924 twieled l-ewwel Partit Komunista. Imbagħad fl-1934 twaqqaf it-tielet partit.

Dana kollu juri li l-pajjiż tul iż-żmien għadda minn numru ta’ riformi bil-għan li l-pajjiż u l-istituzzjonijiet jiġu riformati. Għalkemm mhux dejjem kienu suċċess, dawn għenu biex in-nies jibdew jaħsbu b’mod differenti minn kif inhuma l-affarijiet fil-kumplament tal-pajjiżi Għarab u Iżlamiċi.

“Ma’ dawn ir-riformi beda jinżera’ wkoll ħsieb profond u kritiku. Dawn il-ħsibijiet iddaħħlu minn Tahar Ben Achour (bejn l-1879 u 1973). Achour kien ħassieb kritiku u reliġjuż li l-ħsibijiet tiegħu għenu biex jibda jiġi analizzat b’mod kritiku l-atteġġament tan-nies fil-pajjiżi Għarab u Iżlamiċi u kif dawn jaħsbuha. Fih innifsu dan il-ħsieb kien revoluzzjonarju. Il-ħsibijiet ta’ Achour kienu għal kollox kontra l-kitba spiritwali u reliġjuża rigoruża li kienet u għadha b’saħħitha fid-dinja Għarbija. Fil-ħsibijiet ta’ Tahar Ben Achour wieħed seta’ jimraħ fil-modernità mingħajr ma jitlef l-identità tiegħu.

Warajh nibet ħassieb ieħor, Tahar Haddad (bejn l-1899 -1935), li kien ukoll imnebbaħ mil-ħsibijiet ta’ Tahar Ben Achour. Haddad kien strumentali bil-ħsibijiet tiegħu favur l-emanċipazzjoni tan-nisa Musulmani, li fihom il-mara għandha dritt teduka ruħha, taħdem u jkollha l-ħajja soċjali tagħha”.

Bħala eżempju tal-Moderniżmu Dr Moez semma l-abolizzjoni tal-liġi li kienet tippermetti li raġel jista’ jiżżewweġ erba’ nisa. Skont Moez din il-liġi kienet iddaħħlet biex tagħmel tajjeb għal dawk in-nisa li kienu jispiċċaw romol wara li l-irġiel tagħhom kienu jinqatlu fil-gwerra. Din il-liġi kienet tagħti protezzjoni lin-nisa għax b’hekk setgħu jsibu min jieħu ħsiebhom tul ħajjithom.

Mil-lat tat-trejdjunjoniżmu, Dr Moez qal “li t-Tuneżija kienet minn ta’ quddiem f’dak li huwa trejdjunjoniżmu. Fl-1912 sar l-ewwel strajk industrijali kontra kumpanija Franċiża minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena tal-ħaddiema. Din kienet l-ewwel dimostrazzjoni fil-pajjiż. Minn hemm bdew jinbtu trejdjunjins oħrajn. Ma’ dawn bdew isiru dimostrazzjonijiet oħrajn sabiex il-pajjiż jimmodernizza aktar”.

“Bejn l-1956 u l-1987 it-Tuneżija saret ‘Stat modern’. Dawn ir-riformi saru taħt it-tmexxija ta’ Habib Bourguiba u kienu jinkludu l-għarfien tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-abolizzjoni tal-liġi kontra l-adulterju, u drittijiet ċivili oħra. Barra minn hekk daħlet il-liġi tal-edukazzjoni b’xejn għal kullħadd, sistema tas-saħħa pubblika, u s-sigurtà soċjali.

It-tmexxija ta’ Bourguiba falliet għax kien jikkunsidra lilu nnifsu bħala l-missier tan-nazzjon, u mexxa b’mod paternalista. Bourguiba kien jikkunsidra lilu nnifsu bħala l-persuna li għandha tibqa’ tmexxi l-pajjiż. Fl-1987 sar kolp ta’ stat li warrab lil Bourguiba, u Ben Ali, li kien jifforma parti mil-Gvern ta’ Bourguiba, ħa l-poter bis-saħħa tal-militar”.

Skont Moez Majed, “il-perjodu ta’ Ben Ali kien ikkaratterizzat minn ‘dittatura u nepotiżmu’ (bejn l-1987 u l-2011) u fl-istess ħin daħħal fil-pajjiż riformi ekonomiċi kbar ta’ liberalizzazzjoni tas-suq u investiment kbir fl-infrastruttura. Il-pajjiż ra tkabbir ekonomiku ta’ 5%.

L-istess politika ta’ Ben Ali wasslet ukoll għal ħafna korruzzjoni u l-familja tiegħu saret waħda mill-iktar familji sinjuri fil-kontinent Afrikan b’kapital ta’ 5 biljun dollaru fi flus kontanti. L-Istat sar wieħed awtoritarju, u l-forzi tal-ordni kienu jinqdew bit-tortura b’mod sistematiku. Barra minn hekk, il-mezzi tax-xandir ftit li xejn kellhom libertà u ġew arrestati esponenti ewlenin mill-partiti tal-oppożizzjoni”.

**Ir-Rivoluzzjoni tal-Ġiżimin**

“Fis-17 ta’ Diċembru 2010, bejjiegħ tal-ikel ta’ 35 sena bl-isem ta’ Mohammed Bouazizi ta n-nar lilu nnifsu f’nofs pjazza quddiem bini tal-gvern wara li tilef kull tama li jista’ jieħu lura n-negozju żgħir tiegħu li kien ġie kkonfiskat mill-pulizija. Minn hemm bdiet l-hekk imsejħa “rivoluzzjoni tal-poplu”, b’numru ta’ dimostrazzjonijiet madwar il-pajjiż kollu, lejl u nhar, li kellhom tliet għanijiet prinċipali: ix-xogħol, il-libertà u d-dinjità.

**Ikompli f’paġna 5**

# *"Ma għandniex għalfejn nabolixxu l-identitá tagħna biex nersqu lejn dak il-moderniżmu"* - *Dr Moez Majed*

Imbagħad fl-14 ta' Jannar 2011, il-popolazzjoni marret quddiem il-kwartieri tal-pulizija fejn kienu qed jiġu ttorturati n-nies u qagħdu hemm jgħajtu bil-Franċiż il-kelma 'Dégage', jiġifieri 'Warrab'. B'kommozzjoni ngħid li l-għajta "Dégage" nbidlet f'melodija rivoluzzjonarja. Il-pulizija ma rreaġixxewx. Anzi seta' jidher li anke l-pulizija bdiet temozzjona ruħha u stajt tara ringiela sħiħa ta' pulizija jibku u jersqu lura. L-istess għamlet ir-ringiela ta' wara u l-oħrajn warajhom. Minn hemm beda jidher ċar li l-affarijiet kienu qed jieħdu żvolta oħra".




Moez qal "li jiem wara dan l-avveniment sirna nafu li fil-bini tal-madwar kien hemm ħafna 'snipers' li ngħataw l-ordni li jisparaw fuq in-nies, imma m'obdewhiex. Dakinhar fil-ħamsa ta' filgħaxija, il-President Ben Ali ħarab mill-pajjiż, aktarx b'ta' fuqu senduqu, wara li nduna li l-armata u l-pulizija ma baqgħux jobdu l-ordnijiet tiegħu".

S'intendi, skont Moez, "kien hemm ukoll pressjoni minn barra biex Ben Ali jitlaq il-pajjiż. Jingħad li saħansitra ħalla n-nuċċali personali tiegħu fl-uffiċċju tiegħu bil-ġenn li kellu biex jaħrab mill-pajjiż. Wara li telaq, il-poplu Tuneżin ma riedx li titkisser is-sistema kollha, imma għażel li jħalli s-sistema taħdem bl-amministrazzjoni li kien hemm qabel u bil-ħaddiema kollha li kien hemm fiha. Ħallew anke l-istess nies miż-żamma tal-ordni li ftit qabel kienu sparaw fuq id-dimostranti. Il-poplu ried li jħalli s-sistema u l-amministrazzjoni tkompli tiffunzjona sakemm isiru t-tibdiliet neċessarji.

Ġimagħtejn wara, inħatar gvern tranżitorju li ma kellu x'jaqsam xejn mal-amministrazzjoni ta' Ben Ali, magħmul minn akkademiċi, ekonomisti, sindikalisti, u oħrajn. Kien gvern 'teknokratiku' mhux elett".

Dr Moez kompla jgħid "li fil-pajjiż bdiet il-ħidma sabiex isiru l-ewwel elezzjonijiet f'Ottubru tal-2011. Il-Partit El-Nahda kien l-iktar formazzjoni organizzata fil-pajjiż. Il-partiti l-oħrajn bdew jiġu ffurmati mal-waqgħa ta' Ben Ali mill-poter. Dawn il-partiti ma kellhomx struttura li tiffunzjona tajjeb biex jagħmlu l-kampanji tagħhom bi tħejjija għall-elezzjoni ta' Ottubru. Għaldaqstant, El-Nahda rebaħ l-elezzjonijiet bi 38% tal-voti. Il-problema kienet li l-partiti l-oħrajn (mal-120 partit) kienu għadhom mhux organizzati u kienu maqsumin bejniethom.

Il-partit El-Nahda kiseb 89 rappreżentant minn 217 u ngħata d-dritt li jifforma koalizzjoni, u għamel dan ma' żewġ partiti xellugin li spiċċaw biegħu r-revoluzzjoni tan-nies.

Skont Moez, "fil-pajjiżi Għarab hemm firxa sħiħa ta' partiti Iżlamiċi, minn dawk demokratiċi sa dawk radikali li jridu jimponu l-liġi ta' Sharia. Din l-elezzjoni kienet importanti mhux biss għax ġie ffurmat parlament għall-ewwel darba imma wkoll għax kellha tinkiteb kostituzzjoni ġdida. U hemm bdiet il-problema, għax in-nies tal-partit fil-Gvern riedu jiktbu kostituzzjoni bbażata fuq l-Iżlam. Matul dan il-perjodu kien hemm inkwiet kbir fil-pajjiż bejn l-iżlamisti u l-alleati



tagħhom fil-poter, u l-forzi progressivi u sekulari li ma ridux li l-edukazzjoni terzjarja tkun taħt l-influwenza tal-Iżlam.

Fis-6 ta' Frar 2013 wieħed mill-mexxejja tal-oppożizzjoni, Chukri Belaid, li mexxa l-protesti flimkien ma' oħrajn kontra l-Gvern ta' El-Nahda, spiċċa assassinat mill-milizja Iżlamika. Chukri Belaid kien il-mexxej tal-partit Komunista. (Ir-ritratt t'isfel juri poster tiegħu waqt il-funeral li sarlu),

Attivist xellugi ieħor, Mohammed Brahmi, ġie assassinat fil-25 ta' Lulju 2013, u dan l-avveniment kien il-bidu tal-mixja għal bidla oħra fil-pajjiż".

Dr Moez qal "li ta' kuljum kien hemm protesti kbar fit-toroq u quddiem il-parlament, bl-għajta tkun li l-gvern ma jistax ikompli jiggverna wara dawn iż-żewġ assassinji politiċi.

Il-Gvern ta' El-Nahda aċċetta li jċedi l-poter f'idejn gvern teknokratiku ieħor u aċċetta wkoll li l-kostituzzjoni tkun ibbażata fuq il-libertà tal-ħsieb, id-dritt li wieħed iħaddan liema reliġjon irid, u li wieħed ma jiġix iddiskriminat minħabba l-orjentazzjoni sesswali tiegħu.

F'Novembru tal-2014 saret it-tieni elezzjoni li fiha l-moviment progressiv u sekulari tgħallem mill-iżbalji tal-passat u ngħaqad f'partit wieħed u b'hekk rebaħ l-elezzjonijiet. L-Iżlamisti aċċettaw ir-riżultat tal-elezzjoni u llum qed jagħtu l-kontribut tagħhom sabiex il-pajjiż jimxi 'l quddiem".

**Evalwazzjonijiet**

Moez Majed għalaq it-taħdita tiegħu b'evalwazzjoni ta' dak li għadda minnu l-pajjiż: "Ħaġa komuni f'diversi pajjiżi Għarab hi l-falliment postkolonjali għax il-mexxejja ta' wara l-era kolonjali użaw metodi paternalistiċi u biex iżommu l-poter ikkalpestaw id-drittijiet tal-bniedem, ikkontrollaw il-mezzi tax-xandir, daħħlu n-nepotiżmu u l-korruzzjoni, u ma rnexxilhomx iqassmu l-ġid b'ġustizzja".

Dwar jekk jistax jinbet il-Moderniżmu fil-pajjiżi Għarab u Iżlamiċi, Moez Majed qal li jqis din il-mistoqsija bħala waħda żbaljata għax hija frott il-mentalità ta' inferjorita li temmen li "n-nies fil-pajjiżi Għarab ma jafux imexxu waħedhom. Għalija hija inġusta, imma fiha hemm ukoll ċerta verità.

Nemmen li 'iva', huwa possibli li jinbet il-Moderniżmu, u l-istorja dan urietu. Ma għandniex għalfejn nabolixxu l-identità tagħna biex nersqu lejn dak il-Moderniżmu. U llum dik hi l-ġlieda, li jinstab bilanċ bejn il-Moderniżmu u l-Iżlam.

Il-problema hi li Għarabja Sawdija, pajjiż li għandu ħafna flus u riżorsi naturali, għandu influwenza kbira fuq l-Iżlam u l-pajjiżi Għarab. Għas-Sawdi, dak li ġara fit-Tuneżija hu theddida diretta għar-reġim awtokratiku tagħhom. Qed jibżgħu li jiġrilhom l-istess".

Tajjeb ngħidu, kompla jgħid Moez Majed, li "llum il-grupp tal-Istat Iżlamiku huwa ffinanzjat mill-Għarabja Sawdija u l-Qatar, mhux neċessarjament għax jaqblu miegħu, imma għax qed jużawh biex jiġġieldu l-mewġa sekulari u progressiva li għaddejja fil-pajjiżi Għarab.

Il-ġlieda fit-Tuneżija mhix bejn ix-xellug u l-lemin. Dan mhux il-punt. Il-ġlieda hija dwar min aħna. Il-ġlieda hi bejn it-tradizzjonaliżmu, id-dogma Iżlamika, u l-moviment progressiv.

Aħna min Aħna? Għarab u Musulmani biss, jew Għarab u Musulmani u ħafna aktar? Dan hu d-dibattitu li għaddej fit-Tuneżija llum. Is-sekulariżmu ma jagħmilx sens għall-pajjiż tagħna, għax jekk titkellem hekk tkun qed tagħti opportunità lill-Iżlamisti, titlef il-battalja, u n-nies lanqas jivvutawlek aktar. Żgur li rridu nsibu dak il-bilanċ."

***Żminijietna tirringrazzja lil organizzaturi tal-Festival Mediterranju tal-letteratura ta' Malta għal din it-taħdita nteressanti.***

# Żjara fl-Inghilterra għand il-Liberali

*John Zammit*
*Alleanza Liberali*
*johnpzammit@gmail.com*

Mil-10 sad-19 t'Awissu din is-sena għamilt żjara ta' familjarizazzjoni fl-Ingilterra, Skozja u Wales. L-Ingilterra ma kienetx l-ewwel darba, iżda l-Iskozja u Wales qatt ma kont mort qabel. Għamilt dan biex nara s-sitwazzjoni kif żvolgiet wara l-elezzjoni li saret din is-sena meta allura kien hemm rebħa assoluta għal David Cameron u l-partit Konservattiv tiegħu fejn l-Liberali ġew eliminati mill-Gvern għall-oppożizzjoni mal-Laburisti.

Sadattant kien hemm bidla fit-tmexxija tal-Liberali u anke kienu qed isiru l-preparamenti biex jibda l-proċess sabiex issir il-bidla fit-tmexxija tal-partit Laburista, u għalhekk iktar iż-żjara tiegħi kienet ta' nteress.

Għaż-żjara li kont mistieden fil-kwartieri tal-Liberali (Lib Dems) fl-Inghilterra ġejt milqugħ minn Harriet Shone mill-uffiċċju internazzjonali tal-Lib Dems (ritratt). Matul il-laqgħa ddiskutejna is-sitwazzjoni tal-politika fl-Inghilterra u dik ġewwa Malta.

Anke ddiskutejna l-problema tal-immigrazzjoni li qed tolqot lill-Ewropa speċjalment lill-pajjiżi fil-Mediterran fosthom Malta u r-Renju Unit. Kif ukoll l-imwiet ta' ħafna nies fl-ibħra tal-Mediterran.



Kelli wkoll laqgħa mal-koordinatur tal-membri assoċjati tal-ALDE, li aħna bħala partit assoċjati magħhom. Infatti jien il-koordinatur ta' Malta f'dan ir-rigward.

Fir-ritratt nidher ma' Athena Drakou - koordinatur tal-membri assocjati Liberali ta' l-Ewropa ma' zewg membri assocjati Inglizi Chris Nelson u David Bartlett.

Wara kelli ċans ukoll nagħmel żjara fil-kwartieri internazzjonali tal-Liberali li jinsab f'Whitehall Place. Hemmhekk ġejt milqugħ minn Robert Wintraecken - Political Advisor, fejn sibthom ukoll qed jippreparaw għall-Kungress Internazzjonali tal-Liberali li din is-sena se jsir ġewwa l-Messiku.

Huwa mportanti għalina bħala Alleanza Liberali li nżommu kuntatt internazzjonali u għalhekk ta' kull sena naraw li nattendu laqgħat u nżuru pajjiżi speċjalment fl-Ewropa fejn inkunu nistgħu niltaqaw ma'uffiċjali jew mexxejja ta' diversi partiti liberali u biex nfasslu l-politika tagħna.

Huwa veru diffiċli għalina bħala partit żgħir u għalhekk qed nkomplu nappellaw il-parlament Malti biex partiti żgħar jingħataw għajnuna finanzjarja mill-flus li jagħti l-Parlament Ewropew lill-Gvern Malti biex aħna bħala partit nkomplu bil-ħidma tagħna u nżommu dawn il-kuntatti mportanti, issa li għaddiet il-Liġi tal-Finanzjament tal-Partiti għax ngħiduha kif inhi mhux sew li l-għajnuna finanzjarja tingħata biss lill-PN u l-PL, iktar ma għandhom flus u anke għandhom l-mezzi tal-midja tagħhom, ħaġa li aħna m'għandniex.

# Refuġjati u Immigranti Ekonomiċi Fl-UE

*Apert - Birkirkara*

Traġitti perikolużi bil-baħar qed isiru regolarment minn ċittadini ta' pajjiżi sotto-żviluppati, bil-maġġor parti biex jfittxu refuġju u oħrajn xogħol fl-UE. Matul il-ħafna snin li ċittadini Afrikani ilhom jidħlu fil-Libja u jaqsmu bid-dgħajjes lejn Malta u l-Italja biex jidħlu fl-UE, ma nstabet ebda solidarjetá tanġibbli biex il-piż kumplikat ta' l-immigrazzjoni jinqasam fost l-istati membri tal-unjoni. Xi stati wasslu biss li jgħinu fis-salvataġġ ta' immigranti li jkunu se jgħerqu, basta lil min isalvaw jehduh l-Italja jew Malta.

Din l-attitudni ta bruda nbidlet f'daqqa waħda, bl-iżvilupp ta rotta ġdida ta' immigrazzjoni li nfetħet dan l-aħħar min nies li qed jaħarbu mit-terrur tal-ġlied fil-Lvant Nofsani. B'riżultat tal-gwerra ċivili fis-Sirja u tal-attakki tal-ISIS fiż-żona tal-Golf u l-Iraq, fis-sena 2015 infetħet rotta ġdida ta' immigrazzjoni ta' Sirjani u Iraqqini lejn il-Greċja, u tkompli bit-terraferma sa l-Ungerija biex tasal sa ċ-ċentru tal-UE.

Dan l-iżvilupp jidher li mess xi qlub ta' mexxejja fl-UE favur il-maħrubin bla stat, avolja din ir-rotta hija inqas perikoluża u fiha ma jintilfux ħajjiet bħalma jintilfu bl-eluf kull xahar bir-rotta tal-baħar. Forsi l-attenzjoni ntlaqtet l-iżjed għax minn din ir-rotta qed jaslu b'rata ferm aktar mgħaġġla, gruppi ta' nies aktar numerużi mill-gruppi li jgħaddu bil-baħar.



Dan l-influss qawwi u mgħaġġel qajjem tħassib li jista' jiggrava l-problemi soċio-ekonomiċi tal-istati li jilqgħu il-maħrubin. Għalhekk l-attenzjoni aktarx li kienet diretta wkoll mil-kunsiderazzjoni ta kif iż-żewġ kategoriji ta' immigranti jaffettwaw l-ekonomija ta fejn imorru. Għandna immigranti biex isibu x-xogħol, u r-refuġjati li jaħarbu mil-gwerer.

Mil-esperjenza tal-ħajja naraw li l-maġġoranza tal-immigranti ekonomiċi aktarx li jkun piż fuq l-ekonomija tal-pajjiż li jirċevihom, waqt li grupp ta' refuġjati jista' jinkludi kontribut pożittiv fl-ekonomija tal-post li jospitah. Allura dawn iż-żewġ kunsiderazzjoniet taż-żieda qawwija u mgħaġġla fl-influss tal-immigrazzjoni, akkumpanjata mil-effetti differenti li jagħmlu fuq l-ekonomiji rispettivi, żgur li kellhom sehem fil-bidla f'daqqa fl-attitudni ta' mexxejja prominenti fi ħdan l-UE. Daqstant kienet imtappna l-ġenwinita tad-deċiżjoni li ħadu ċerti stati li jinfluwenzaw l-andament tal-politika tal-UE, dwar din il-problema li qegħda tiggrava.

Madanakollu wħud miċ-ċittadini tal-istati tagħhom qegħdin joġġezzjonaw għal influss qawwi ta' refuġjati li rriżulta dan l-aħħar. Sadanittant fadal stati membri li qed jdaħħlu liġijiet kontra l-immigrazzjoni, u oħrajn qegħdin idawru l-fruntieri tagħhom b'ħitan u barbed wire biex ma jidħlux refuġjati.

F'dan il-kwadru, r-rieda tajba li jidher li ntweriet mal-immigranti, mhix daqshekk ġenwina u ma fiha ebda sinjal ta' solidarjetá la mal-immigranti u lanqas mal-istati mediterranji tal-UE, li ilhom snin iġorru l-piż tal-immigrazzjoni waħedhom. Hija biss parti minn eżerċizzju ta ipokrezija.

Kieku ma kienx hekk l-UE kienet terfa' r-responsabilita li tattakka l-problema f'ras il-għajn billi taħdem attivament biex jieqfu l-attakki u terruri tal-gwerer ħalli ma jibqgħux joħorġu refuġjati mil-Lvant Nofsani, u biex jispiċċaw id-dittaturi li qegħdin jifnu l-istati Afrikani bil-korruzzjoni u jikkundannaw lil nies tagħhom għal eżilju.

Din il-missjoni tirnexxi biss jekk l-UE tidħol għaliha b'impenn sinċier li "n-nies jiġu qabel il-kummerċ tal-armamenti".

L-UE għandha dmir li timxi skond dan il-prinċipju f'ġieh id-dinjitá tan-nies li qed jaħarbu mit-terrur tal-gwerer, u tan-nies li qed jitturufnaw ruħhom biex jgħixu aħjar, u tan-nies sudditi tal-UE li qegħdin jgħixu fil-faqar.

Dik hija l-unika soluzzjoni għall- problema kumplessa, u tkun l-aqwa turija ta' solidarjetá ma l-Ewropej u l-istati membri li qegħdin taħt il-piż, u mal-miljuni ta' nies li qegħdin jiġu tturufnati minn pajjiżhom.

# Wall Street Mega Banks are buying up the World's water

*Sammy Camilleri*
*Ontario, Canada*

A disturbing trend in the water sector is accelerating worldwide. The new 'water barons' – the Wall Street banks and Elitist Multibillionaires are buying up water all over the world at unprecedented pace.




Familiar Mega Banks and Investing Power-Houses are also buying thousands of acres of land with aquifers, lakes, water engineering and technology companies all over the world.

"Water as an asset class will become eventually the single most important physical commodity - based asset class, dwarfing oil, copper, agricultural commodities, and precious metals", says Willem Butler, a Citigroup Economist.

Specifically, a lucrative opportunity in water is in hydraulic fracturing (or fracking), as it generates massive demand for water and water services.

Each gasoil well developed requires 3 to 5 million gallons of water, and 80% of the water cannot be reused because it's three to ten times saltier than seawater.

Citigroup recommends water rights owners sell water to fracking companies instead of to farmers; because water for fracking can be sold for as much as $3000 per acre-foot instead of only $50 per acre-foot to farmers.




What happens when you can't draw a bath due to contaminated water, water shortage, or high cost of water? What happens when wells, aquifers and rivers are contaminated due to leaking, toxic fracking fluid that is being forced into our underground shale plates?

You can make a difference, but first you must be aware of the travesty.

# Catholic Sinners may soon be able to give, "Just the Fax".

Roman Catholics around the world who are tormented by their sins but unable to make it to the Church may soon be able to confess by fax.

The 'Observer' newspaper says in a report that new high tech confessionals will be unveiled in Vicenza, Italy, at a Trade fair for religious items and furnishings.

Sound-proofing, air-conditioning and comfortable armchairs will also be available in some models.

Church Officials have already criticized the idea, and one priest said the Fair's organizers had turned the confessional into a space-age telephone booth.

# Il-paga minima nazzjonali diskussa fl-Ewropa.

Fl-Unjoni Ewropeja qed tkun diskussa l-proposta sabiex tiddaħħal Direttiva Ewropeja sabiex tiġi ntrodotta paga minima nazzjonali fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa.

Għalkemm f'Malta it-trejdjunjins minn dejjem kienu favur il-paga minima nazzjonali minn meta ddaħlet minn Gvern Laburista fl-1971, il-Kunsill ta' Trejdjunjins Nordiċi, ħareġ kontra tali proposta.



Tħassib li qed jqajmu l-Unjins Nordiċi hi li tali proposta se twassal biex jitbaxxew il-pagi peress li l-maġġor parti tal-ħaddiema Nordiċi huma koperti minn ftehim kollettiv fejn il-pagi huma ferm għola minn kieku kellha tiddaħħal il-paga minima nazzjonali. Huwa jaraw din il-liġi bħala theddida diretta għall-ftehim kollettiv.

Minn naħa l-oħra, it-Trejdjunjins tal-ħaddiema ta' Trasport fl-Isvezja huma favur li tiddaħħal paga minima nazzjonali peress li huwa aktar faċli li tiġi miġġielda l-pjaga ta' social dumping li hu mifni bih il-qasam ta' Trasport fl-Isvezja.

Din id-diskussjoni toħroġ il-qasma li teżisti fost id-diversi rappreżentanti tal-ħaddiema fuq kwistjoni li f'Malta llum ġiet megħluba. Id-diskussjoni f'Malta llum hi sabiex il-paga minima nazzjonali tkun waħda diċenti sabiex tiġi miġġielda l-problema ta' ħaddiema foqra.

Id-dibattitu fil-kumplament tal-Ewropa, l-aktar f'dawk il-pajjiżi fejn għad ma hemmx paga minima nazzjonali qed jintensifika u aktarx li din il-proposta se tkun diskussa dalwaqt fil-laqgħa ta' Konfederazzjoni ta' Trejdjunjins Ewropej.

Il-Ġermanja għada kemm daħlet fil-bidu ta' din is-sena paga minima statutorja fejn ma' 4 miljun ħaddiem gawdew minn żieda fil-paga. Il-partiti tax-xellug u ħodor fil-Ġermanja kienu minn ta' quddiem sabiex tiddaħħal din il-liġi. Rawha bħala mezz biex tiġi miġġielda l-esplojtazzjoni u l-inugwaljanza soċjali.

Mistoqsija ta' nteress għax-xellug hi safejn l-Ewropa ħa timxi meta teżisti varjazzjoni kbira fil-paga minima nazzjonali minn €1.04/siegħa fil-Bulgaria għal €11.10/siegħa fil-Lussemburgu?

Minn qed igawdi l-aktar mis-sistema u x'għandha tkun it-triq 'il-quddiem sabiex il-kunċett ta' Ewropa Soċjali jkun verament alternattiva għas-sistema preżenti neoliberali?

Ix-xellug għandu joħroġ b'aktar soluzzjonijiet. L-ideja li fl-Ewropa tiġi ntrodotta paga minima nazzjonali fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa m'għandhiex titqies bħala theddida anzi se tgħin sabiex il-ħaddiema fl-Ewropa jingħaqdu flimkien sabiex il-paga minima nazzjonali tkun waħda diċenti.

Il-Kunsill ta' Trejdjunjins Ewropej għandu jieħu pożizzjoni ċara favur din il-proposta. Nittama wkoll li l-Unjins Maltin jipparteċipaw fid-diskussjoni sabiex jipperswadu Unjins oħrajn biex joħorġu favur tagħha.

Ritratt juri ħaddiema Domestiċi.

# Il-Maġġoranza tal-Palestinjani m'għadhomx jemmnu fi "Two-State Solution"

*minn David Pisani*

It-tkaxkir tas-saqajn u nuqqas ta' ġustizzja mil-Komunitá Internazzjonali biex tiġi riżolta l-kwistjoni tal-Palestina qed twassal biex il-poplu Palestinjan jitlef il-fiduċja tiegħu fl-Istituzzjonijiet li suppost jaraw li d-dinjita tal-persuna tkun irrispettata. Infatti stħarriġ li għamel iċ-Ċentru Palestinjan għar-Riċerka u l-Politika, li hu l-aktar grupp prominenti ta' riċerka fil-Palestina sab li llum 51% tal-Palestinjani mhux qed jaqblu aktar ma' l-idea ta' 'two-state solution'.

Jidher ċar li d-diplomazija internazzjonali mhiex taħdem, anzi bil-kontra qed issaħħaħ l-istat Żionista ta' Iżrael. Fl-istudju ħadu sehem ma' 1,270 persuna Palestinjana, miż-żoni okkupati ġewwa l-West Bank u Gaża rispettivament.

Il-fatt li eluf ta' Palestinjani kellhom jemigraw turi l-ipokrezija tal-pajjiżi tal-Punent li qatt ma ħadu azzjoni kontra l-Iżrael, pajjiż li kiser kull risoluzzjoni tal-Ġnus Magħquda. Wieħed jistaqsi għala l-ebda azzjoni ma ttieħdet kontra l-Iżreal?

L-aktar punti mportanti u ta' tħassib li joħroġ minn dan l-istudju hu s-sentiment ta' nuqqas ta' tama fost il-Palestinjani; fejn apparti 51% li huma kontra l-ideja ta' żewġ stati, ma' 65% persuna lanqas għadhom jemmnu li 'two-state solution' hija soluzzjoni prattikabli wara l-okkupazzjoni ta' aktar żoni minn Iżrael fil-West Bank.



Khalil Shikaki, wieħed mil-persuni li ħejja l-istudju qal "li dan jindika wkoll li hemm nuqqas ta' fiduċja kbira fost il-Palestinjani lejn il-pajjiżi Għarab, li qishom dawn m'għadhomx jinteresshom minn dak li qed jiġri fil-Palestina".

Il-biża li qed tqum hi; li l-prospettivi għal soluzzjoni paċifika qed tmut, filwaqt li qed jerġa jqum l-appoġġ fost il-Palestinjani għal resistenza armata. Jidher wkoll li n-nies qed titlef il-fiduċja lejn l-Gvern ta' Abbas.

Infatti skond l-istess studju 65% tal-Palestinjani jridu lil Abbas, li ilu jmexxi l-Palestina għal dawn l-aħħar għaxar snin biex jirreżenja. Ir-rispett lejn l-awtorita ta' Abbas f'dan l-aħħar tliet xhur kompliet niżla l-isfel għal 38%. S'intendi is-sitwazzjoni kif inhi mhiex se twassal għal għaqda fost iż-żewġ fazzjonijiet fil-Palestina (Fatah u Ħamas), li minnha qed jgawdi l-Iżrael u l-Imperjaliżmu Amerikan li dejjem kien ta' appoġġ għall-Iżrael.

Dana biex ma nsemmux id-diskors ta' Priministru Benjamin Netanyahu ftit qabel ma ġie elett mil-ġdid f'Marzu ta' din is-sena fejn qal "li qatt mhu se jkun hemm stat Palestinjan sakemm jibqa' haj hu".

Wara pressjoni internazzjonali kellu jerġa' jmur lura minn kliemu u jikkommetti ruħu sabiex jaħdem għal soluzzjoni ta' żewġ stati. Id-diskors ta' Netanyahu u l-ħatra fil-gvern ta' numru ta' esponenti mil-partit ta' lemin estrem (Likud) juri li l-Istat ta' Iżrael mhux kommess għal soluzzjoni paċifika.

Għalhekk huwa mportanti li Gvern Malti jibqa' leali lejn il-kawża Palestinjana. Huwa ta' sodisfazzjon għax-xellug li Malta appoġġjat risoluzzjoni biex jiġi rikonoxxut l-Istat Palestinjan u li l-Palestinjani (li sa llum huma biss osservaturi fil-Ġnus Magħquda) inghataw id-dritt biex fil-laqgħa tal-kunsill tal-Ġnus Magħquda, il-bandiera Palestinjana tkun esposta flimkien mal-bnadar tal-pajjiżi kollha msieħba.

# MEP Alfred Sant ma jaqbilx mal-proposta tal-ISDS, kif saret sa issa.

Il-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar ħarġet bi proposta biex jintlaħaq kompromess fuq waħda mil-ħafni punti kruċjali ta' trattat propost ta' investiment u kummerċ bejn l-UE u l-US. Il-proposta inizzjali kienet li jiddaħħal l-mekkaniżmu tal-ISDS - ta' kif għandhom jiġu riżolti kwistjonijiet legali bejn stat u kumpaniji nternazzjonali privati. It-Trattat jobbliga li dawn jiġu riżolti f'qafas ta' arbitraġġ internazzjonali, li hu kompost minn numru ta' avukati privati appuntati apposta li jaħdem separatament minn kull leġislazzjoni nazzjonali.

Sadanittant il-Kummissjoni Ewropeja ħarġet bi proposta li jiġi stabilit 'permanent investment court', bħala alternattiva għall-mekkaniżmu ta' ISDS. Il-Parlament Ewropew u l-istati membri huma maqsuma fuq din il-kwistjoni, b'uħud minnhom appellaw biex il-mekkaniżmu ta' ISDS jitneħħa kompletament minn dan it-trattat.

Għalhekk ħadna l-kummenti ta' l-MEP Alfred Sant li kien l-uniku membru parlamentari li wieġeb għall-mistoqsijiet tagħna fuq din il-materja.

**X'inhi sa llum il-pozizzjoni tiegħek fuq TTIP u l-ISDS?**

Ma tistax f'ħames kelmiet tagħti fehma dwar it-TTIP, jew l-ISDS wara kollox, li hi biss element wieħed fil-pakkett kollu.

Il-ħolqien ta' żona waħda ta' kummerċ u investimenti bejn l-Istati Uniti u l-Ewropa għandha vantaġġi li ta' min jikkonsidrahom favorevolment sakemm ikunu mħarsa ċerti prinċipji u regoli. B'żona waħda, jinħoloq l-ispazju biex prodotti u servizzi jistgħu jinbiegħu ma' kull rokna taż-żona bla xkiel, skont standards li jkunu magħrufa u maqbula, u bi prezz u kwalità li jkunu interessanti għall-konsumatur.

Dan jekk fost kundizzjonijiet oħra: iż-żona l-ġdida ma tispiċċax fuklar neo-liberali aktar qawwi li jsaħħaħ il-monopolji effettivi u l-oligopoliji tal-kumpaniji multinazzjonali; l-istandards ambjentali; ta' saħħa u ta' ħarsien soċjali u kulturali jiġu mħarsa; l-awtonomija biex ma ngħidx is-sovranità tal-istati nazzjonali tiġi rispettata.

Hi ħaġa ċara li l-aqwa gwadann minn żona bħal din se jagħmluh il-kumpaniji multinazzjonali – imma dan minnu nnifsu u waħdu, mhux argument li jiddeċiedi l-kwistjoni. Jekk ma' dan il-gwadann, iseħħu konsegwenzi oħra li jtejbu l-kondizzjonijiet ta' ħajja tal-popli, wieħed irid jiżen kif jaqleb il-bilanċ qabel jaqtagħha.

Jien naqbel li għandna nistennew it-tmiem tan-negozjati qabel naqtgħuha lejn naħa jew oħra. Fl-istess ħin, ma naqbilx mal-mod kif in-negozjati qed isiru b'ċerta segretezza. Ma nistax nifhem għaliex dan għandu jiġri.

Dwar il-proposta tal-ISDS kif saret sa issa, ma naqbilx. L-ebda gvern Ewropew m'għandu jaċċetta li jpoġġi d-deċiżjonijiet meħuda mill-parlament nazzjonali tiegħu għal skrutinju minn tribunal "privat" bil-poter li jibdel dawn id-deċiżjonijiet.

Rigward il-proposta l-ġdida mressqa mil-Kummissjoni Ewropea m'inix nara l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea bħala waħda daqstant tajba. La hi ħuta u lanqas hi tiġieġa għax tipprova tissodisfa dak li jridu l-Amerikani u dak li qed jinsistu fuqu l-Ewropej, jew maġġoranza mill-lobbies Ewropej.

Nifhem li l-Kamra tal-Kummerċ Amerikan tara l-proposta tal-Kummissjoni bħala dwejjaq għax għalihom, iddaħħal il-feles ta' ġurisdizzjoni publika Ewropea. Min-naħa l-oħra, irridu wkoll inżommu f'moħħna li fl-Istati Uniti, bħal fl-Ewropa, jeżistu lobbies qawwija kontra t-TTIP (u kontra ftehim simili li l-Amerikani qed jinnegozjaw mal-pajjiżi tal-Paċifiku). It-trade unjins per eżempju, jew uħud minnhom, jaraw it-TTIP bħala ftehim li se jwassal biex jinqerdu ħafna impjiegi f'fabriki Amerikani u huma kontra.


## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:

---------------------------------------------------------------------------

Indirizz:

---------------------------------------------------------------------------

Emejl:

---------------------------------------------------------------------------

Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma' ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***